# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru: 110/2022 LC

**JEAN PAUL BUSUTTIL**
**GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA**
**LUXURY LIVING TECHNOLOGIES LTD**
(C-74593)

*vs*

**SILVIO CAMILLERI (K.I. 155774M)**
**U ABIGAIL CAMILLERI PEARSON (K.I. 167782M)**
**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA’ JKOLLHA.**

**Illum, 29 ta’ Jannar 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Jean Paul Busuttil fejn talab lil l-intimati jiġu dikjarati bħala debituri fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti u sabiex ikunu kkundannati jħallsu l-ammont ta' €8,495 rappreżentanti għas-servizzi pprovduti mis-soċjetà rikorrenti l-intimati għal *solar panels system* u dan skond sales invoice numru INV 1886 tat-8 ta' Awwissu 2018 fl-ammont ta' €7,875. Kif ukoll *solar water system* bil-filters u dan skond sales invoice INV 2087 tal-15 ta’ Jannar 2019 fl-ammont ta' €1595 b’total ta' €9,470 u wara li tnaqqas *credit note* numru CRN

051 tal-valur ta €975 jibqa' bilanċ mhux imħallas ta' €8495 - li huwa ċert, likwidu u dovut..

Rat ir-risposta tal-intimati fejn eċċepew illi: -

1. Illi b'mod preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li l-istess azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti u dawk sussegwenti, it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt, għar-raġuni li l-esponenti intimati ma humiex debituri tal-attur nomine u ma hemm ebda ammont dovut lill-istess attur nomine mill-esponenti, kif ser jiġi muri fil-mori tal-kawża;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur nomine stante i huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.

Rat l-atti ppreżentati sa issa;

Semgħet is-sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza rigward l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati;

Ikkonsidrat;

Illi din is-sentenza hija limitata għall-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, ossija dik li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat;

Illi fl-affidavits tagħhom, l-intimati Silvio Camilleri u Abigail Camilleri Pearson jiddikjaraw bil-ġurament tagħhom illi huma m'għandhom jagħtu ebda flus lir-rikorrenti u lanqas ma huma debituri tal-istess. Jikkonfermaw li qabel ma rċevew l-atti tal-kawża u l-mandat relattiv, huma qatt ma rċevew ebda intimazzjoni bil-Qorti.

Illi da parti tiegħu, ir-rikorrenti jgħid fl-affidavit tiegħu illi l-intimat Silvio Camilleri kien impjegat tiegħu u li s-sistemi ġew installati fid-dar ta' Silvio Camilleri minn impjegati tal-istess soċjetà rikorrenti. Illi dan jikkonfermaħ ukoll ċerta Raymond Sciberras, foreman mas-soċjetà rikorrenti, fejn eżebixxa wkoll il-fatturi relattivi u l-*credit note.* In kontro-eżami huwa jgħid li l-istallazzjoni ta-sistemi seħħew fis-sajf 2018. Qal li Silvio Camilleri waqaf jaħdem mal-kumpanija fl-2019.

Ikkunsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati in atti jirriżulta li l-fattura fir-rigward tas-sistema fotovoltajka hija datata t-08 ta' Awwissu 2019 filwaqt li dik tas-*Solar Water Heater* hija datata l-15 ta' Jannar 2019. Illi di più, mill-affidavits tal-istess soċjetà rikorrenti jirriżulta illi dawn is-sistemi ġew installati fid-dar tal-istess intimat.

Illi l-intimat qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar, fejn l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 jistipola li:

*"**2148**. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*... omissis...*

*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;"*

Illi dwar din it-tip ta' preskrizzjoni speċjali, jinsab ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph u Victor Aquilina noe vs Charles Camilleri**[1] illi:

*"Huwa indiskutibbli fuq l-istregwa tal-gurisprudenza illi l-materja in diskussjoni gja giet dibattuta bosta drabi mill-Qrati taghna;*

*Minn din il-gurisprudenza jidher li prezentement huwa pacifiku illi "dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, cjoe jekk huwiex bejgh bl-imnut jew bl-ingrossa huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut. Infatti skond il-ligi taghna kif inhi huwa possibbli li bejgh bl-imnut isir minn grossist ukoll bhal ma huwa possibbli li d-dettaljatur f' certi cirkostanzi jbiegh bl-ingrossa" - **"Michael Fenech nomine -vs- Piu Camilleri**". Appell Civili, 18 ta' Jannar 1993;*

*Fi kliem iehor l-ligi taghna fl-Artikolu 2148 (b) tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u thares biss lejn il-vendita partikolari in kwestjoni "per se". Ara **Kollez. Vol. XXXI P II p 235 u Vol. XLVIII P II p 959**;*

[1] **Joseph u Victor Aquilina noe vs Charles Camilleri**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 17 ta' Novembru 2004 (Appell Civ. Nru 821/2001/1).

> *Jinsab ritenut, imbaghad, illi kriterju distintiv tal-bejgh bl-ingrossa u dak bl-imnut jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugh, anke jekk dan jibqa' kriterju relattiv. Ara* ***Kollez. Vol. XIII p 294 u Kollez. XXI P I p 406****;*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li dan kien akkwista ta' sistema ta' pannelli singola u solar water heater wieħed li ġew installati fid-dar tal-intimati. Fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li dan in-negozju kellu n-natura ta' imnut aktar milli ingrossa u b'hekk huma korretti l-intimati jikkwotaw l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi applikat dan l-artikolu għall-fatturi sopra msemmija jirriżulta li l-azzjoni odjerna waqgħet nhar it-8 ta' Frar 2020 u nhar 15 ta' Lulju 2020, filwaqt li l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fl-20 ta' Mejju 2020. Illi b'hekk jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata ferm wara li għalaq il-perjodu preskritt mil-liġi li fiħ ir-rikorrenti setgħet tmexxi l-kawża tagħha. Di più, ma tressqet ebda prova quddiem din il-Qorti illi l-perjodu preskrittiv ġie miksur ai termini tal-liġi.

Illi finalment, bil-ġurament tagħhom stess, l-intimati wettqu l-formalità ta din l-eċċezzjoni kif miltuba mill-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Deċide

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tiddikjara dawn il-proċeduri bħala preskritti ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra r-rikorrenti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**